MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) GURISDIZZJONI SUPERJURI

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta tas-6 ta' Gunju, 2006

Citazzjoni Numru. 38/2000/1

Carmel Xuereb u ibnu Ian Xuereb .

vs

Michael Mercieca .

Il-Qorti ,

Rat iċ-ċitazzjoni li permezz tagħha l-atturi, wara li ppremettew :

Illi l-atturi huma l-pussessuri u l-attwali detenturi ta' għalqa imsejjħa "Tal-Ħarrax", fil-limiti taż-Żebbuġ, Għawdex tal-kejl ta' ċirka mitejn u tnejn u tmenin metri kwadri (282mk) jew kejl verjuri b'mansab ġo fiha u konfinanti mill-majjistral ma' beni ta' Sunny Vella u mir-rimanenti rjieħat ma' beni tal-Gvern ta' Malta ;

Illi riċentement u preċiżament fl-għaxra (10) u fl-erbatax (14) ta' Frar 2000, l-istess konvenut ikkommetta spoll

vjolenti u klandestin fil-konfront tal-istess atturi u dana billi 'ad insaputa' tal-atturi u bil-ħsieb li jeżerċita xi dritt li huwa jippretendi li għandu fuq ir-raba "de quo", qabad u daħħal fiha u permezz ta' gaffa kisser il-mansab, qala' s-siġar tal-akaċja u għamel ħsarat estensivi fiha ;

Illi dana l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll vjolenti u klandestin għad-dannu tal-atturi .

Talbu lill-konvenut jgħid għaliex m'għandhiex din il-Qorti :

1. Tiddikjara illi l-aġir tal-konvenut jikkostitwixxi spoll privileġġjat fil-konfront tal-istess atturi li għandhom kull dritt li jiġu reintegrati fil-pussess tar-raba hawn fuq imsemmi ;

2. Tikkundanna għalhekk lill-istess konvenut sabiex fiż-żmien qasir u perentorju li jiġi lilu prefiss jirreintegra lill-atturi fil-pussess pjen tad-drittijiet tagħhom billi jerga' jpoggi kollox kif kien qabel ma kkommetta l-istess spoll, u dan taħt id-direzzjoni ta' perit nominandi ;

3. U fin-nuqqas għaliex l-istess atturi m'għandhomx jiġu awtorizzati li jagħmlu x-xogħlijiet neċessarji għas-spejjeż tal-istess konvenut sabiex huma jiġu b'hekk reintegrati fid-drittijiet tagħhom fuq l-istess raba u dana taħt id-direzzjoni ta' l-istess perit nominandi ;

4. U f'każ li r-reintegrazzjoni ma tistax issir kompletament, għaliex l-istess konvenut m'għandux jiġi kkundannat li jħallas lill-atturi somma ta' flus li tiġi likwidata minn dina l-Onorabbli Qorti tal-ħsarat li huma sofrew fl-istess raba u dana wkoll, okkorrendo, bin-nomina ta' perit għal l-istess fini .

Bl-ispejjeż inklużi l-VAT u l-ittra uffiċċjali tat-tmintax (18) ta' Frar 2000 u bl-inġunzjoni tal-istess konvenut għas-subizzjoni li għaliha minn issa huwa mħarrek .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-atturi debitament ikkonfermata bil-ġurament ta' Carmel Xuereb .

Rat in-nota ta’ l-eċċezzjonijiet tal-konvenut li eċċepixxa illi :

1. Illi t-talbiet attriċi huma infondati fid-dritt u fil-fatt u dan stante illi l-azzjoni tal-konvenut bl-ebda mod ma tikkostitwixxi spoll privileġġjat fil-konfront tal-istess atturi u dan peress illi l-atturi fl-aħħar snin ma kellhomx il-pussess tal-art mertu tal-kawża u għalhekk ma jeżistux l-elementi kollha rikjesti mill-Liġi sabiex issir azzjoni ta' spoll ;

2. Illi l-konvenut naddaf parti mir-raba illi tappartjeni lilu u lil ħutu kollha u li kienet fi stat żdingat u mitluq u għalhekk ħadd ma kellu l-pussess tagħha kif jiġi pruvat aħjar waqt it-trattazzjoni tal-kawża ;

3. Illi l-istess konvenut beda x-xogħlijiet tiegħu f'din ir-raba ferm qabel l-għaxra (10) ta' Frar tas-sena elfejn (2000) .

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri fid-dritt u fil-fatt .

Rat id-dikjarazzjoni tal-fatti tal-konvenut ikkonfermata bil-ġurament tiegħu .

Rat il-verbal tagħha tat-18 ta' Jannar 2006 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza .

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi l-verbali tax-xhieda u affidavits prodotti u d-dokumenti esebiti .

Ikkunsidrat :

Illi din hija kawża ta’ spoll . Dwar kawża ta’ dan it-tip ġie mfisser illi :

*“In tema legali jingħad li l-‘actio spolii’ hija radikata pjuttost fuq l-esiġenzi ta’ utilita’ soċjali milli fuq il-prinċipju assolut tal-ġustizzja, u hija eminentement intiża sabiex tkun estiża l-protezzjoni lil kwalunkwe pussess, u jiġi mpedut li ċittadin privat jieħu l-ġustizzja f’idejh; b’mod li l-fini tagħha*

*huwa dak illi jiġi restawrat l-istat tal-pussess li jkun ġie skonvolt jew turbat ;*

*L-art. 572 (illum 535) tal-Kodiċi Ċivili, li jikkontempla din l-azzjoni, huwa ndubbjament ta' ordni pubbliku, u huwa inerenti għall-fatt ta' min b'awtorita' privata jagħmel għad-dannu ta' terza persuna att li, għalkemm jista' jkollu dritt għalieh, ma jkunx jista' jeżerċitah mingħajr l-intervent tal-Qrati (ara Kasazzjoni Torin 1 ta' Awissu 1879 in re Borboglio vs. Fischt, Volum XIII, P.1, paġ. 555 tal-Annali tal-Ġurisprudenza) . Ma' dan l-artikolu fuq imsemmi tal-liġi ċitata, ma għandux jiġi minsi l-art. 794 (illum 791) tal-Kodiċi tal-Organiżazzjoni u Proċedura Ċivili, li jaħseb u jgħid li kontra l-azzjoni ta' spoll ma humiex ammissibbli ħlief eċċezzjonijiet dilatorji – dak li huwa konfermat mill-ġurisprudenza lokali u estera (ara Vol. XXXI. I. 296 Appell 8 ta' Marzu 1943, in re "Francesco Mifsud vs Michele Cassar"; Vol. XXI. II. 83 P'Awla Civili, 20 ta' April 1916, in re 'Michelina Falzon vs Giuseppe Bonello et.' konfermata fl-Appell fis-26 ta' Marzu 1917; Kassazzjoni Palermo 27 ta' Ottubru 1899, in re Decarcano vs.Cafici, Foro Catanese Vol. 1889, paġna 124; u dan biex ingħataw xi sentenzi) ; …. .".*[1]

Illi, għalhekk, kif ġie ripetutament imfisser mill-Qrati tagħna, jenħtieġu tliet elementi sabiex tirnexxi kawża bħal din :

(i) li l-attur kellu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa spoljata (*possedisse*) ;

(ii) li ġie disturbat f'dan il-pussess (*spoliatum fuisse*) ; u

(iii) li għamel il-kawża fi żmien xahrejn mill-allegat spoll *(infra bimestre deduxisse*) .

---

[1] Margherita Fenech v. Pawla Zammit : Prim'Awla :12.4.1958 vol. XLII. .II. 975

"*Jekk imqar xi wieħed minn dawn ir-rekwiżiti essenzjali ma jiġix ppruvat, l-azzjoni taqa' mingħajr ma jkun hemm bżonn li jiġi ndagat jekk jirrikorrux anki r-rekwiżiti l-oħra*."[2]

Dwar din l-azzjoni il-**Mattirolo** jispjega illi :

"*La reintegrazione del possesso a favore di chi ne fu spogliato e' una misura di ordine pubblico, e' un provvedimento diretto a conservare la pace pubblica . L'articolo 695 del Cocice Civile applica, in tutto il suo rigore,la regola **"spoliatus ante omnia restituendus"** . Il perche' l'azione di reintegrazione, compiuto lo spoglio, compete a qualunque possessore, astrazione fatta dal carattere del suo possesso, sia pur questo anche solo precario, o di origine illegittima, purche' pero' abbia il carattere esteriore dell'esercizio di un preteso diritto."*[3]

Għalhekk sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' t-talbiet attriċi, jrid jiġi stabilit jekk fil-każ in eżami jeżistux dawn it-tliet elementi . Mill-provi mressqa rriżulta illi l-atturi qed jilmentaw minn inċident fejn il-konvenut allegatament daħal f'biċċa raba' fil-pussess tagħhom u permezz ta' gaffa kisser il-mansab, qala' s-siġar tal-akaċja u għamel ħsara oħra fiha .

Niġu għalhekk minnufih għall-eżami dwar l-eżistenza o meno ta' l-elementi rikjesti f'kawża ta' spoll .

**Il-Pussess :**

Dwar dan l-element sabiex tirnexxi kawża ta' spoll ingħad :

"*Illi l-ewwel rekwiżit, kwindi, sabiex l-azzjoni tar-rintegrazzjoni tista' tiġi milqugħa bil-favur, huwa li l-instanti jkollu l-pussess ta' kwalunkwe xorta jew detenzjoni tal-ħaġa li fuqha jkun pretiż li sar l-ispoll . L-espressjoni wżata mill-liġi –"**possession of whatever kind**" – dak li*

[2] Joseph Tabone v. Joseph Flavia sive de Flavia ; Appell Civ. 7.3.1958 – vol. XLII. I. 86 .

[3] Trattato di Diritto Giudiziario Civile Italiano Vol. I. 5 ta.ed. 1902 Torino, para. 271 .

*jinteressana f'dal-kaz – tikkomprendi tant il-pussess ċivili kemm dak sempliċement naturali, u anki dak vizzjuż ; imma pero' tesiġi dejjem f'dak li jippromwovi din l-azzjoni xi pussess ; l-għaliex, jekk l-attur f'kawża bħal din li fuqha qegħdin nitkellmu ma jkunx ippossjeda l-ħaġa, l-azzjoni hija destinata li ma tirnexxix*."[4]

Fil-każ in eżami l-atturi jsostnu illi huma kienu fil-pussess jew detenzjoni ta' biċċa art mit-territorju li oriġinarjament kien imqabbel lil missier il-mara ta' l-attur Carmel Xuereb mingħand il-Gvern . Fl-art in kwistjoni huwa u t-tifel tiegħu, l-attur l-ieħor, kellhom mansab u dura u xi siġar ta' l-akaċja, u kienu jużaw din il-biċċa art għal skopijiet ta' nsib . Il-konvenut, li jiġi ħu l-mara ta' l-attur Carmel Xuereb, jiċħad illi din l-art kienet f'idejn l-atturi . Jirriżulta pero' mix-xhieda indipendenti ta' Ċikku Zammit, illi għandu r-raba fl-inħawi, illi huwa kien ta' spiss jara lill-atturi f'din il-biċċa raba'[5] . M'hemmx dubbju għalhekk illi dan l-ewwel element ta' kawża ta' spoll ġie sodisfatt .

**L-iSpoll** :

Il-konvenut, għalkemm fin-nota ta' l-eċċezzjonijiet jiċħad illi wettaq xi spoll fil-konfront ta' l-atturi, għax jikkontendi illi x-xogħlijiet li għamel, saru f'parti mir-raba mqabbla lill-familja Mercieca li kienet żdingata, jirriżulta mid-depożizzjoni tas-surġent Joseph Mizzi, li rċieva r-rapport dwar l-inċident in kwistjoni mill-atturi, illi a tempo verġine, meta dan mar ikellem lill-konvenut, ir-reazzjoni tiegħu kienet illi "*madwar 300 tomna ta' raba' minn naħa ta' missieru ġew kważi kollha kemm huma akkapparrati minn Xuereb* … " Il-konvenut ammetta wkoll miegħu illi " … *hu kien qala' l-ġebel tar-razzi mill-post*"[6] . Tressaq wkoll jixhed Daniel Vella illi stqarr illi kien qabbdu l-konvent biex inaddaf l-art in kwistjoni bil-gaffa ta' missieru[7] . Dan kollu ma jistax ifisser ħlief illi kien tassew il-konvenut li għamel il-ħwejjeġ li minnhom qed jilmentaw l-atturi .

---

[4] Fenech vs Zammit ġia ċitata .
[5] ara depożizzjoni tiegħu a fol. 57 - 64 tal-process .
[6] ara okkorrenza relattiva a fol. 34 - 35 tal-process .
[7] ara xhieda tiegħu a fol. 43 - 4 7 ibid..

**Iż-Żmien :**

Fiċ-ċitazzjoni tagħhom l-atturi jgħidu illi dan l-ispoll ġie kommess f'żewġ okkażżjonijiet, u ċioe' fl-10 ta' Frar u fl-14 ta' Frar 2000 . Dan ġie kontradett mill-konvenut, għax jgħid illi x-xogħol sar xhur qabel . Ħadd mill-atturi jew ix-xhieda minnhom prodotti ma seta' jgħid illi ra lill-konvenuti iwettaq ix-xogħlijiet ilmentati . Imma rriżulta illi fl-ewwel okkażżjoni l-atturi nnutaw illi kienu tneħħew il-ġebel tal-mansab fejn jeħlu r-rażżi . Ir-rapport lill-Pulizija sar in segwitu għal din l-okkażżjoni u s-surġent Mizzi mar iwissi lill-konvenut dwar dan fil-15 ta' Frar 2000 . Jiġi għalhekk illi x-xogħol l-ieħor bil-gaffa jrid ikun sar neċessarjament bejn dik id-data u meta ġiet ippreżentata l-ittra uffiċċjali tat-18 ta' Frar 2000 kontra l-konvenut[8] . Il-kawża preżenti ġiet imbagħad intavolata fil-25 ta' Frar 2000, u għalhekk żgur entro t-terminu ta' xahrejn stipulat mill-liġi .

Għal dawn il-motivi, peress illi ġie ppruvat sodisfaċentement li jeżistu l-elementi meħtieġa mill-liġi sabiex tirnexxi kawża bħal din, tiddeċidi l-kawża billi, filwaqt illi tiċħad l-eċċezzjonijiet tal-konvenuti :

1. tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara illi l-konvenut kkommetta spoll vjolenti u klandestin kontra l-atturi meta qabad u daħal fl-art fil-pussess tagħhom u permezz ta' gaffa kisser il-mansab, qala' s-siġar tal-akaċja u għamel ħsarat oħra fl-istess art ;
2. madankollu peress illi fiċ-ċirkostanzi r-reintegrazzjoni mhix faċilment possibbli, tordna illi din ir-reintegrazzjoni ssir simbolikament,[9] billi l-konvenut iħallas lill-atturi somma li qed tiġi stabilita *arbitrio boni viri* minn din il-Qorti stess fl-ammont ta' mitt lira maltija (Lm100) u dana fi żmien xahar mil-lum .

Bl-ispejjeż kontra l-konvenut .

---

[8] ara Dok. XC a fol. 79 ibid. .

[9] ara f'dan is-sens ukoll is-sentenzza ta' din il-Qorti kif irpreseduta, fil-kawza : cit. 37/1988 : Mons. S.Scicluna vs Frank Schembri et. (17.2.2005) .

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------